**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF;**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA Tat-2 ta' Frar,2001.**

**Citazzjoni numru 1105/00**

**AUTO SALES LTD.**

**-VS-**

**CAROLINE HAYES U JOHN HAYES**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma komplessitva ta' tlett elef mija u erbghin lira u hamsin centezmu (Lm3140.50) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' diversi kambjalijiet skaduti hawn annessi (Dok 1 sa 42).

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut, u l-attur nomine qieghed jipprezenta ma' din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok A).

Illi avolja interpellati biex ihallsu dan l-ammont il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsu xejn.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef mija u erbghin lira u hamsin

centezmu (Lm3140.50) komplessivament dovut skond kambjalijiet skaduti kif fuq spjegat bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datta 9 ta' Awissu 1999 indirizzata lil Caroline Hayes u tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Awissu 1999 indirizzata lil John Hayes bl-interessi legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u naqsu li jidhru ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqghu kontumaci;

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta attrici li biha is-somma giet ridotta ghall-Lm1,640.50) stante pagament ta' Lm1,500 fil-mori tal-kawza;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talba kif ridotta tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici kif ridotta bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenuti.

**Imhallef**

**Dep. Registratur**